MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Numru 943/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Victor Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Victor Fenech ta’ 36 sena mwieled Pieta nhar is-6 ta’ Gunju 1971 bin Paul u Lucy nee’ Micallef residenti 37 Triq Is-Serkin Marsa detentur ta’ Karta ta’ l-Identita Nru. 362871M gie akkuzat talli:

Nhar it-30 ta' Settembru 2007 bejn it-3.15pm u 4.30pm min gewwa Triq Is-Santissima Trinita il-Marsa ikkometta serq ta' Stereo min gewwa Vettura tal-Hyundai b'numru ta' registrazzjoni BBO325 a detriment ta' Alan Debono minn Hal-Qormi liema serq huwa huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-artikolu 261, 263, 271(g), 279(a)(b) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi u fil-granet ta' qabel anke fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin kien fil-pussess u garr strument li jaqtgha u bil-ponta minghajr licenzja tal-kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 6.7 u 8 tal-kapitolu 480 tal-Ligijiet Ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma l-imputat bhala li irrenda ruhu ricediv, u dan wara li instab hati mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta li kommetta diversi reati b'sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai terminu tal-artikolu 49 u 50 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta
Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AG u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna u Dr. Anthony Cutajar Avukat tal-

Ghajnuna Legali tal-imputat iddikjaraw li presentement l-imputat ghandu problema serja tal-abbuz mid-droga u ghaldaqstant umilment talbu li l-Qorti tikkunsidra li fis-Sentenza taghha tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-istess Direttur jara li din il-problema li ghandu l-imputat tkun indirizzata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 280(2), 281, 49, 50, 17 u 31 tal-Kap. 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Vincent Fenech fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Vincent Fenech ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)- il xahar prigunerija u hamsin Liri Maltin (Lm50) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok MTS.

Finalment il-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna u Dr. Anthony Cutajar Avukat tal-Ghajnuna Legali tal-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-istess Direttur jara li din il-problema li ghandu l-imputat tkun indirizzata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------